MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1286/1989/1

**Sammy Meilaq bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks.**

**Vs**

**John G. Dacoutros bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dacoutros Company Limited.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi huwa kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' elf, tlett mija u ghoxrin lira maltin (Lm1,320) bilanc tal-prezz ta' forrnituri, tiswija, xoghol u servizzi ohra

skond diversi invoices ga mibghuta lill-istess konvenut nomine.

Premess illi l-konvenut nomine naqas li jhallas din s-somma minkejja diversi interpellazzjonijiet.

U premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehema tal-attur nomine l-konvenut nomine ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-attur nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dokument “A” a tenur tal-imsemmija artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti,

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ elf, tlett mija u ghoxrin lira (Lm1,320) bilanc tal-prezz ta’ fornituri, tiswija, xoghol u servizzi ohra kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-affidavit Dok. “A”, tal-ittri interpellatorji tat-18 ta’ Mejju, 1989 u tas-17 ta’ Gunju, 1989, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut nomine li jibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol miftiehem ma sarx skond is-sengha u l-arti, ma sarx kif miftiehem u b’dewmien a detriment tal-kumpanija konvenuta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti

Rat id-digriet taghha a fol 11;
Rat li l-periti nominati minn dina l-Qorti ma espletawx l-inkarigu lilhom moghti u ghalhekk l-istess inkarigu kien gie revokat mill-Qorti u l-process gie ritornat bix-xhieda li intlahqet ingabret pero' minghajr relazzjoni;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

Albert Degabriele, Head of Accounts, mas-socjeta' attrici, xehed li skond invoice Dok A a fol. 86 u 87 u Dok B a fol. 88 il-konvenuti ghandhom jaghtu s-somma ta' Lm1,320 tnaqqas Lm64. Il-ftehim kien sar skond l-ittra ezibita a fol. 89 li kellha riserva ghall *extras*. L-*extras* kienu dawk indikati fid- Dok A1 taht in-numri 2 sa 7 (fol. 87) li meta tinqala' l-htiega ta' *extra* l-atturi kienu jinfurmaw lill-klijent, normalment bil-miktub (ara per ezempju dok a fol. 90 u 91). Wara tlett snin li tlesta x-xoghol il-konvenut infurmahom li qed jikkontesta xi kontijiet.

Dr. Paul Lia ezebixxa diversi ittri minn fejn jirrizulta li sar xoghol *extra* li l-konvenut accetta li jsir. Sat-18 ta' Mejju, 1989 il-konvenut ma kienx qed jilmenta mix-xoghol. Wara kienu saru nkontri fejn il-konvenut talab riduzzjoni fil-prezz pero' huma hassew li dina t-talba ma setghetx tintlaqa'.

Il-konvenut xehed li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan ix-xoghol sar b'dewmien kbir u ghalhekk il-kumpanija tippretendi rikompens. Il-haddiema tieghu spiccaw biex kellhom jghinu lin-nies tad-Dockyard biex jispiccaw ix-xoghol imqabbad. Hu rrefera ghall-ittra taghhom tal-14 ta' Lulju 1989 fejn kitbu lis-sur Bilocca fejn irreferew ghal dan id-dewmien li spicca fi Frar 1987 mentri kellu jispicca hafna qabel, cjoe sa Dicembru 1986 kif konfermat fl-ittra tas-socjeta' attrici tal-21 ta' Novembru

1986. Huma sofrew *loss of production* u *loss of profit* minhabba f'hekk. Fl-ittra tal-5 ta' Dicembru 1989 infurmaw lill-atturi li ma rcevewx risposta ghall-ittra precedenti taghhom. Kien sar inkontru ma l-atturi u sar suggeriment li jigi ridott l-ammont b'Lm318 mill-kont ta' Lm1,320 izda l-proposta ma gietx accettata. Mit-telex tas-17 ta' Marzu 1987 jirrizulta li t-tank ma kienx ghadu komplut. Avolja accettaw t-tank lura huma kienu talbu *discount* ta' Lm318.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-konvenut noe qed jeccepixxi li d-domanda attrici hija nfondata billi x-xoghol miftiehem ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi l-Qorti kienet innominat espert tekniku biex jirrelata dwar dana l-aspett izda saru diversi seduti imma provi ma ngabrux dwar dan l-aspett tekniku u ghalhekk relazzjoni qatt ma saret. Provi ohra dwar dina l-eccezzjoni tal-konvenut ma ngabux.

Kwantu ghall-ilment tal-konvenut noe li x-xoghol ma sarx kif miftihem u b'dewmien a detriment tal-kumpanija konvenuta, l-Qorti tirrileva li ghalkemm il-konvenut semma diversi ittri fejn ilmenta dwar dewmien, *loss of profit* u *loss of production*, fil-fatt ebda ittra li saret riferenza ghaliha ma giet esibita u lanqas ma ngabu provi biex jikkwantifikaw id-danni li l-konvenut qed jippretendi.

L-atturi invece gabu provi orali u anke dokumentarji biex jissustanzjaw it-talba taghhom li ghalhekk tidher li hija gustifikata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talba attrici
tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elf mitejn sitta u hamsin lira maltin (Lm1,256) bilanc

tal-prezz ta’ fornituri, tiswija, xoghol u servizzi ohra kif fuq inghad.
Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sa l-eventwali pagament;
U bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------